

JC/GL/2024/36

5 ta' Ġunju 2024

## Linji Gwida Kongġunti

dwar il-kooperazzjoni fis-sorveljanza u l-iskambju ta' informazzjoni  
bejn I-ASE u l-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE)  
2022/2554

## Status tal-Linji Gwida

Dawn il-Linji Gwida jinħarġu skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol); u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ir-Regolamenti tal-ASE).<sup>1</sup>

L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) joħorġu dawn il-Linji Gwida abbażi tal-Artikolu 32(7) tar-Regolament (UE) 2022/2554 ("DORA")<sup>2</sup>, li skontu l-ASE għandhom joħorġu linji gwida dwar il-kooperazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti li jkopru:

- il-proċeduri dettaljati u l-kondizzjonijiet għat-tqassim u għat-twettiq tal-kompli bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ASE; u
- id-dettalji dwar l-iskambji ta' informazzjoni li huma meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw is-segwitu tar-rakkmandazzjonijiet indirizzati lill-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT lil-entitajiet finanzjarji deżejnjati bħala kritiċi.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti tal-ASE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida. L-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-ASE rispettivi jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jipprovd ruġejha. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-ASE rispettiva bħala mhux konformi. In-notifikasi jenħtieġ li jintbagħtu lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu), [CoE@eiopa.europa.eu](mailto:CoE@eiopa.europa.eu) u [DORA@esma.europa.eu](mailto:DORA@esma.europa.eu) bir-referenza "JC/GL/2024/36". In-notifikasi jenħtieġ li jiġu ppreżentati minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapprtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-ASE, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12). Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83). Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010 p. 84–119).

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali digħiġi għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p.01-79).

## TaqSIMA 1: Kunsiderazzjonijiet ġenerali

### Għanijiet u prinċipji ġenerali

Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiżguraw li l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom:

- ħarsa ġenerali tal-oqsma fejn hemm bżonn ta' kooperazzjoni u/jew skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ASE f'konformità mal-Artikolu 32(7) ta' DORA;
- approċċ koordinat u koeżiv bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti fl-iskambju ta' informazzjoni u meta jikkooperaw għall-iskop ta' attivitajiet ta' sorveljanza sabiex jiżguraw l-effiċjenza u l-konsistenza kif ukoll sabiex jevitaw id-duplikazzjonijiet;
- approċċ komuni għar-regoli ta' proċedura u skedi ta' żmien li japplikaw fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi r-rwoli u r-responsabbiltajiet u l-meżżi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni.

Dawn il-Linji Gwida jikkostitwixxu prattiki konsistenti, effiċċjenzi u effettivi dwar il-kooperazzjoni fis-sorveljanza u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-Artikolu 32(7) ta' DORA. Dawn il-Linji Gwida ma jfixklux l-iskambju ta' aktar informazzjoni u l-kooperazzjoni estiża fis-sorveljanza bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti. Id-dettalji prattiċi tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu soġġetti għal mudelli operatorji ta' mira mfassla apposta.

Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida jenħtieġ li jqisu approċċ preventiv u bbażat fuq ir-riskju li jenħtieġ li jwassal għal allokazzjoni bbilanċjata ta' kompiti u responsabbiltajiet bejn it-tliet ASE u l-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li jagħmel l-aħjar użu mirriżorsi umani u l-kompetenza teknika disponibbli f'kull waħda mill-ASE u l-awtoritajiet kompetenti.

Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor f'dawn il-Linji Gwida, l-ASE tirreferi għat-tliet ASE inkluż is-Sorveljant Ewlieni.

### Kamp ta' applikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida huwa relatat biss mat-Taqsima II tal-Kapitolu V (l-Artikoli 31-44) ta' DORA u ma jkoprix l-artikli relatati ma':

- kompiti li japplikaw biss għal awtorità kompetenti waħda spċificika jew għall-ASE (eż. l-Artikolu 43 dwar it-Tariffi Superviżorji, li huwa kompitu għas-Sorveljant Ewlieni biss) jew li japplikaw għal entitajiet finanzjarji u fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT (eż. skont l-Artikolu 35(5), il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT (CTPPs) għandhom jikkooperaw *in bona fide* mas-Sorveljant Ewlieni, u jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu);

- il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti (eż. skont l-Artikolu 48(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib bejniethom), fost l-ASE (eż. skont l-Artikolu 35(2)(a), is-Sorveljant Ewljeni għandu jiġura koordinazzjoni regolari fi ħdan in-Network Konġunt ta' Sorveljanza) u ma' awtoritajiet oħra tal-UE (eż. skont l-Artikolu 34(3), is-Sorveljant Ewljeni jista' jitlob lill-BĊE u lill-ENISA jipprovdu parir tekniku);
- l-arranġamenti ta' governanza li huma soġġetti għar-regoli ta' proċedura tal-ASE (eż. skont l-Artikolu 32, l-ASE jeħtieġ li jistabbilixxu t-tariffi superviżorji u skont l-Artikolu 34, is-Sorveljanti Ewlenin jeħtieġ li jistabbilixxu n-Network Konġunt ta' Sorveljanza);
- il-mandati legali separati (eż. il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tat-tim konġunt tal-eżaminazzjoni (JET), id-deżinjazzjoni, il-kompli u l-arranġamenti ta' ħidma tagħhom huma koperti minn standards tekniċi regolatorji separati li għandhom jiġu żviluppati mill-ASE (l-Artikolu 41(1)(c) ta' DORA).

## Linja Gwida 1: Lingwa, mezzi ta' komunikazzjoni, punti ta' kuntatt u aċċessibbiltà

- 1.1 Għall-finijiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni, l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkomunikaw bl-Ingliż, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor.
- 1.2 L-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli l-informazzjoni msemmija f'dawn il-Linji Gwida b'mezzi elettroniċi, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor.
- 1.3 L-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu punti uniċi ta' kuntatt fil-forma ta' indirizz tal-posta elettronika istituzzjonali/funzjonali ddedikat għall-iskambji ta' informazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti.
- 1.4 Il-punt uniku ta' kuntatt jenħtieġ li jintuża biss għall-iskambju ta' informazzjoni mhux kufidenzjali. L-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqblu fuq bażi bilaterali u/jew multilaterali dwar kwalunkwe rekwiżit applikabbli li jikkonċerna t-trażmissjoni sigura ta' informazzjoni permezz tal-punt uniku ta' kuntatt (eż. rekwiżit dwar firem elettroniċi ta' persuni awtorizzati).
- 1.5 L-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt jenħtieġ li tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti mill-ASE. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli u jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt mingħajr dewmien żejjed skont l-istruzzjonijiet operazzjonali definiti mill-ASE.
- 1.6 L-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jużaw għoddha online sigura ddedikata għall-kondiżjoni ta' informazzjoni bejniethom fuq bażi kufidenzjali u sigura. L-għoddha online jenħtieġ li tippreżenta miżuri tekniċi ta' sigurtà tal-informazzjoni biex tiggarantixxi l-kufidenzjalità tad-data minn aċċess mhux awtorizzat minn partijiet terzi.

- 1.7 L-informazzjoni li għandha tiġi skambjata permezz ta' għoddha online sigura ddedikata jenħtieġ li tkun limitata għall-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont il-punti 5 sa 12 u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex is-Sorveljant Ewlieni u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom skont DORA.
- 1.8 L-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jkunu aċċessibbli u inklużivi għall-partijiet kollha involuti, inklużi dawk li jista' jkollhom ostakli lingwistiċi jew ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà. F'dak il-kuntest, l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw is-servizzi ta' traduzzjoni jew l-għodod ta' komunikazzjoni aċċessibbli, bħal software għall-konferenzi bil-vidjo b'sottotitoli deskrittivi attivati b'għażla, dment li d-data tkun protetta minn użu mhux awtorizzat ta' partijiet terzi.

## Linja Gwida 2: Skedi ta' żmien

- 2.1 Fil-każ ta' ċirkostanzi spċifici li jeħtieġu azzjoni immedjata jew żmien addizzjonali biex jitwettaq il-kompli rilevanti, is-Sorveljant Ewlieni jista', f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, inaqqs jew jestendi l-iskedi ta' żmien deskritti fil-punti 5 sa 12. Is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jiddokumenta l-bidliet u r-raġunijiet għal dawn il-bidliet.

## Linja Gwida 3: Differenza ta' opinjonijiet bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti

- 3.1 F'każ ta' fehmiet diverġenti fir-rigward tal-kooperazzjoni fis-sorveljanza u l-iskambju ta' informazzjoni, l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistinkaw biex jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. F'każ-żejjiet meta ma tkun tista' tintlaħaq ebda soluzzjoni bħal din, is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li, f'konsultazzjoni man-Network Konġunt ta' Sorveljanza, jippreżenta d-differenza ta' opinjonijiet lill-Forum ta' Sorveljanza, li min-naħħa tiegħu jippreżenta l-fehmiet tiegħu sabiex tinstab soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

## Linja Gwida 4: Skambju ta' informazzjoni bejn l-ASE u l-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-kooperazzjoni rispettiva tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti deżinjati jew stabbiliti f'konformità mal-NIS2 (awtoritajiet NIS2)

- 4.1 Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti u s-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għal xulxin informazzjoni rilevanti li tirriżulta mid-djalgu tagħhom mal-awtoritajiet NIS2 responsabbli għas-superviżjoni ta' entitajiet essenziali jew importanti soġġetti għal dik id-Direttiva, li ġew deżinjati bħala forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT.

## Taqsim 2: Deżinjazzjoni ta' fornitori terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT

### Linja Gwida 5: Informazzjoni għall-valutazzjoni tal-kritikalità li għandha tiġi ppreżentata mill-awtoritajiet kompetenti lill-ASE

5.1 Għall-finijiet tad-deżinjazzjoni ta' fornitori terzi ta' servizzi tal-ICT li huma kritiċi għall-entitajiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 31(1)(a) ta' DORA, mingħejr dewmien jejjed wara li jirċievu r-reġistru tal-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 28(3) ta' DORA, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli r-reġistru sħiħ tal-informazzjoni lill-ASE f'konformità mal-formati u l-proċeduri speċifikati mill-ASE.<sup>3</sup>

5.2 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ukoll li jagħmlu disponibbli għall-ASE kwalunkwe informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-kritikalità prevista fl-Artikolu 31(2) ta' DORA, b'kont meħud tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 31(6) ta' DORA.

5.3 Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-ASE informazzjoni addizzjonali miksuba fl-attivitajiet superviżorji tagħhom, sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-kritikalità.

### Linja Gwida 6: Informazzjoni relatata mad-deżinjazzjoni ta' fornitori terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT li għandha tiġi ppreżentata mis-Sorveljant Ewljeni jew mill-ASE lill-awtoritajiet kompetenti

6.1 Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla mingħand il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, l-ASE jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, l-isem ġuridiku, il-kodiċi ta' identifikazzjoni<sup>4</sup>, il-pajjiż tal-uffiċċju rreġistrat tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT u, jekk jappartjeni għal grupp, tal-grupp prinċipali li ppreżenta talba biex jiġi ddeżinjat bħala kritiku skont l-Artikolu 31(11) ta' DORA.

6.2 Is-Sorveljant Ewljeni jenħtieġ li jikkondividli mal-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT:

<sup>3</sup> L-ASE se jagħmlu użu mill-Artikolu 35(2) tar-regolamenti ta' twaqqif tal-ASE biex jitkolbu r-reġistru sħiħ tal-informazzjoni.

<sup>4</sup> “Kodiċi ta’ identifikazzjoni” tirreferi għall-kodiċi ta’ identifikazzjoni mitlub għal forniture terzi ta’ servizzi tal-ICT kif stabbilit mill-Istandards Tekniċi ta’ Implettazzjoni dwar il-mudelli standard għall-finijiet tar-reġistru tal-informazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti kuntrattwali kollha dwar l-użu tas-servizzi tal-ICT ipprovduti minn forniture terzi ta’ servizzi tal-ICT skont l-Artikolu 28(9) tar-Regolament (UE) 2022/2554

- a) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla mingħand il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, in-notifika tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura tal-maniġment tas-sussidjarja stabbilita fl-Unjoni skont l-Artikolu 31(13) ta' DORA;
- b) Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol wara l-preżentazzjoni tan-notifika ta' deċiżjoni li tiddeżin ja lill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT bħala kritiku lill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT, l-isem ġuridiku, il-kodiċi ta' identifikazzjoni<sup>7</sup>, il-pajjiż tal-uffiċċju rreġistrat tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT u, jekk jappartjeni għal grupp, tal-grupp prinċipali li jkun ġie deżinjat bħala kritiku skont l-Artikolu 31(5) u (11) ta' DORA u d-data tal-bidu minn meta se jkunu effettivament soġġetti għal attivitajiet ta' sorveljanza kif imsemmi fl-Artikolu 31(5) ta' DORA.

### TaqSIMA 3: Attivitajiet ta' sorveljanza ewlenin

#### Linja Gwida 7: Pjanijiet ta' sorveljanza

- 7.1 Qabel il-finalizzazzjoni tal-pjan annwali ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 33(4) ta' DORA, is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmel disponibbli l-abbozz tal-pjan annwali ta' sorveljanza lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.
- 7.2 L-abbozz tal-pjan annwali ta' sorveljanza jenħtieġ li jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar l-investigazzjonijiet jew l-ispezzjonijiet ġenerali previsti:
  - a) tip ta' attività ta' sorveljanza (investigazzjoni ġenerali jew spezzjoni);
  - b) kamp ta' applikazzjoni u objettivi ta' livell għoli;
  - c) skeda ta' żmien approssimattiva.
- 7.3 L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu kummenti dwar l-abbozz tal-pjan annwali ta' sorveljanza fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-wasla tiegħu.
- 7.4 Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni, is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti, il-pjan annwali ta' sorveljanza u l-pjan pluriennali ta' sorveljanza<sup>5</sup>.
- 7.5 Is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmel disponibbli kwalunkwe aġġornamenti materjali għall-pjan annwali ta' sorveljanza u l-pjan pluriennali ta' sorveljanza għall-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni tal-aġġornamenti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu kummenti dwar l-aġġornamenti materjali għall-pjan annwali ta' sorveljanza fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-wasla tiegħu.

<sup>5</sup> Ara l-Premessa 3 tal-abbozz ta' Standards Tekniċi Regolatorji dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' sorveljanza fir-rigward tat-timijiet konġunti tal-eżaminazzjoni skont DORA

## Linja Gwida 8: Investigazzjonijiet u spezzjonijiet ġenerali

- 8.1 Mill-inqas 3 ġimġħat qabel il-bidu tal-investigazzjoni jew l-ispezzjoni ġenerali skont l-Artikoli 38(5), 39(3) u 36(1) ta' DORA, jew bl-iqsar dewmien possibbli f'każ ta' investigazzjoni jew spezzjoni urġenti, is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, bl-identità tal-persuni awtorizzati għall-investigazzjoni jew l-ispezzjoni ġenerali.
- 8.2 Il-persuni awtorizzati jinkludu:
  - il-membri tal-persunal rilevanti tas-Sorveljant Ewlieni; u
  - il-membri tal-persunal tat-Tim Konġunt tal-Eżaminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 40(2) ta' DORA, maħtura biex iwettqu l-investigazzjoni jew l-ispezzjoni ġenerali.
- 8.3 Is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn dak il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT meta l-persuni awtorizzati jsibu li fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT jopponi l-ispezzjoni, inkluż li jimponi kwalunkwe kundizzjoni mhux ġustifikata għall-investigazzjoni.

## Linja Gwida 9: Skambji ta' informazzjoni addizzjonali bejn is-Sorveljant Ewlieni u l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' sorveljanza

- 9.1 Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni tat-talba għal informazzjoni lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmel disponibbli għan-Network Konġunt ta' Sorveljanza u għall-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, il-kamp ta' applikazzjoni rilevanti tat-talba għal informazzjoni ppreżentata lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikoli 36(1)<sup>6</sup> u 37(1) ta' DORA.
- 9.2 Is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar kwalunkwe:
  - inċident kbir b'impatt dirett jew indirett fuq l-entitajiet finanzjarji fl-Unjoni meta jiġi rrapporat mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, inklużi dettalji rilevanti biex jiġi ddeterminat is-sinifikat tal-inċident fuq l-entitajiet finanzjarji u jiġu vvalutati l-impatti transfruntiera possibbli;<sup>7</sup>
  - bidla rilevanti fl-istratgeġja tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar ir-riskju relatati mal-ICT minn partijiet terzi;

---

<sup>7</sup> Ara l-Artikolu 3(2), l-ittra l-tal-Abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet li jippermettu t-twettiq tal-attivitajiet ta' sorveljanza skont l-Artikolu 41(1), il-punti (a), (b) u (d) tar-Regolament (UE) 2022/2554

- avveniment li jista' jirrappreżenta riskju importanti għall-kontinwità u s-sostenibbiltà tal-forniment ta' servizzi tal-ICT;
  - dikjarazzjoni motivata li tista' tiġi ppreżentata mill-fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT li turi l-impatt mistenni tal-abbozz tal-pjan ta' sorveljanza fuq il-klijenti li huma entitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' DORA u fejn xieraq, li tifformula soluzzjonijiet biex jittaffew ir-riskji msemmija fl-Artikolu 33(4) ta' DORA.
- 9.3 Jekk fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT iżomm kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sorveljanza, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli dawk il-komunikazzjonijiet lis-Sorveljant Ewlieni u jfakkru lill-fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT li s-Sorveljant Ewlieni huwa l-punt ta' kuntatt primarju tiegħu għall-finijiet tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sorveljanza.

## TaqSIMA 4: Segwitu tar-rakkmandazzjonijiet

### Linja Gwida 10: Prinċipji ġenerali għas-segwitu

- 10.1 Il-prinċipji ġenerali li ġejjin jenħtieġ li japplikaw għas-segwitu tar-rakkmandazzjonijiet maħruġa mis-Sorveljant Ewlieni:
- L-awtoritajiet kompetenti huma l-punt primarju ta' kuntatt għall-entitajiet finanzjarji taħt is-superviżjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti huma responsabbi għas-segwitu fir-rigward tar-riskji identifikati fir-rakkmandazzjonijiet li jikkonċernaw l-entitajiet finanzjarji li jagħmlu użu mis-servizzi tal-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT;
  - Is-Sorveljant Ewlieni huwa l-punt primarju ta' kuntatt għall-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għall-finijiet tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sorveljanza. Is-Sorveljant Ewlieni huwa responsabbi għas-segwitu tar-rakkmandazzjonijiet indirizzati lill-fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

### Linja Gwida 11: Skambji ta' informazzjoni bejn is-Sorveljant Ewlieni u l-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat is-segwitu tar-rakkmandazzjonijiet

- 11.1 Is-Sorveljant Ewlieni jenħtieġ li jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovduti minn fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, l-informazzjoni li ġejja:
- a. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla għand is-Sorveljant Ewlieni:

- in-notifika tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT biex ikun hemm segwitu tar-rakkmandazzjonijiet maħruġa mis-Sorveljant Ewlieni u l-pjan ta' rimedju mħejji mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT;
  - l-ispiegazzjoni motivata tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar għalfejn ma segwiex ir-rakkmandazzjonijiet;
  - ir-rapporti li jispeċifikaw l-azzjonijiet li ttieħdu jew ir-rimedji li ġew implementati mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikolu 35(1)(c) ta' DORA.
- b. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-iskadenza tas-60 jum kalendarju skont l-Artikolu 42(1) ta' DORA:
- il-fatt li l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT naqas milli jibgħat in-notifika fi żmien 60 jum kalendarju wara l-ħruġ ta' rakkmandazzjonijiet lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikolu 35(1)(d) ta' DORA.
- c. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni mis-Sorveljant Ewlieni:
- il-valutazzjoni dwar jekk l-ispiegazzjoni tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar għalfejn ma segwiex ir-rakkmandazzjonijiet tas-Sorveljant Ewlieni titqiesx suffiċjenti u, jekk titqies suffiċjenti, id-deċiżjoni tas-Sorveljant Ewlieni li tikkonċerna l-emenda tar-rakkmandazzjonijiet<sup>8</sup>;
  - il-valutazzjoni tar-rapporti li jispeċifikaw l-azzjonijiet li ttieħdu jew ir-rimedji li ġew implementati mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikoli 35(1)(c) ta' DORA. F'każ li l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jkunx implejha r-rakkmandazzjonijiet b'mod adegwat, il-valutazzjoni għandha tkopri mill-inqas il-kriterji a) sa d) tal-Artikolu 42(8) ta' DORA;
  - id-deċiżjoni li timponi pagament perjodiku ta' penali fuq il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikolu 35(6) ta' DORA. Jekk is-Sorveljant Ewlieni għażel li ma jiddivulgax il-pagament perjodiku ta' penali lill-pubbliku skont l-Artikolu 35(10) ta' DORA, l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu l-informazzjoni jenħtieġ li ma jiddivulgawhiex lill-pubbliku;
  - valutazzjoni dwar jekk ir-rifjut ta' fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT li jaaprova rakkmandazzjonijiet, abbażi ta' approċċi diverġenti minn dak irrakkmandat mis-Sorveljant Ewlieni, jistax ikollu impatt negattiv fuq għadd kbir ta' entitajiet finanzjarji, jew parti sinifikanti tas-settur finanzjarju.

## 11.2 F'konformità mal-Artikolu 42(10) ta' DORA, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għas-Sorveljant Ewlieni l-informazzjoni li ġejja meta l-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi

<sup>8</sup> Is-Sorveljant Ewlieni u t-Tim Konġunt tal-Eżaminazzjoni jivvalutaw l-ispiegazzjoni motivata tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar għalfejn ma segwiex ir-rakkmandazzjonijiet. Jekk is-Sorveljant Ewlieni jiddeċiedi li l-ispiegazzjoni titqies suffiċjenti, is-Sorveljant Ewlieni jista' jemenda r-rakkmandazzjonijiet rispettivi.

tal-ICT ma jkunux approvaw parzialment jew kompletament ir-rakkmandazzjonijiet indirizzati lilhom mis-Sorveljant Ewlieni:

- a. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni mill-awtorità kompetenti:
  - notifika lill-entità finanzjarja dwar il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni meta awtorità kompetenti tqis li entità finanzjarja tonqos milli tqis jew tindirizza b'mod suffiċjenti fi ħdan l-immaniġġjar tagħha tar-riskju relatati mal-ICT minn partijiet terzi r-riskji speċifiċi identifikati fir-rakkmandazzjonijiet maħruġa mis-Sorveljant Ewlieni skont l-Artikolu 42(4) ta' DORA;
  - twissijiet individwali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 42(7) ta' DORA u informazzjoni rilevanti li tippermetti lis-Sorveljant Ewlieni jivaluta jekk tali twissijiet irriżultawx f'approċċi konsistenti li jimmitigaw ir-riskju potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja.
- b. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol wara l-konsultazzjoni:
  - l-eżitu tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet NIS2 qabel ma tittieħed deċiżjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 42(5) ta' DORA, meta possibbli.
- c. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla tal-informazzjoni mill-entitajiet finanzjarji:
  - il-bidliet materjali fl-arranġamenti kuntrattwali eżistenti tal-entitajiet finanzjarji ma' fornituri terzi kritiku ta' servizzi tal-ICT li saru biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fir-rakkmandazzjonijiet maħruġa mis-Sorveljant Ewlieni;
  - il-bidu tal-eżekuzzjoni ta' strateġiji ta' ħruġ u pjanijiet ta' tranżizzjoni tal-entitajiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 28(8) ta' DORA.

11.3 L-ASE, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiżviluppaw mudell biex jiffaċilitaw it-trażmissjoni tal-informazzjoni kif definit fil-punt 11.2.

**Linja gwida 12: Deċiżjoni li tirrikjedi li entitajiet finanzjarji jissospendu temporanjament l-użu jew l-iskjerament ta' servizz ippordut mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT jew itemmu l-arranġamenti kuntrattwali rilevanti konklużi mal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT**

12.1 L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinfurmaw lis-Sorveljant Ewlieni dwar l-intenżjoni tagħhom li jinnotifikaw entità finanzjarja dwar il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni jekk l-entità finanzjarja ma tadottax arranġamenti kuntrattwali xierqa biex jiġu indirizzati r-riskji speċifiċi identifikati fir-rakkmandazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 42(4) ta' DORA. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punt 12.2, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għas-Sorveljant Ewlieni l-

informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tad-deċiżjoni possibbli u jenfasizzaw jekk għandhomx l-intenzjoni li jadottaw deċiżjoni urġenti.

- 12.2 Wara l-wasla tal-informazzjoni, is-Sorveljant Ewleni jenħtieġ li jivvaluta l-impatt potenzjali li tali deċiżjoni jista' jkollha fuq il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT li s-servizz tiegħu jiġi sospiż jew itterminat temporanjament. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla tal-informazzjoni jew bl-iqsar dewmien possibbli f'każ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-intenzjoni li jadottaw deċiżjoni urġenti, is-Sorveljant Ewleni jenħtieġ li jagħmel dik il-valutazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw dik il-valutazzjoni mhux vinkolanti meta jiddeċiedu jekk joħorġux in-notifika msemmija fil-punt 12.1 jew le.
- 12.3 Meta żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar jippanaw li jieħdu jew ikunu ħadu deċiżjonijiet dwar entitajiet finanzjarji li jagħmlu użu minn servizzi tal-ICT ipprovdu mill-istess fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, is-Sorveljant Ewleni jenħtieġ li jinfurmahom dwar kwalunkwe approċċ superviżorju inkonsistenti jew diverġenti li jista' jwassal għal kundizzjonijiet mhux ekwi meta entitajiet finanzjarji jkunu qed jużaw is-servizzi tal-ICT ipprovdu minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT fl-Istati Membri kollha.

## Taqṣima 5: Dispożizzjonijiet finali

Dawn il-Linji Gwida jaapplikaw mis-17 ta' Jannar 2025.

Dawn il-Linji Gwida sejkun soġġetti għal rieżami mill-ASE.

## Anness: Tabella li tiġbor fil-qosor l-iskambji ta' informazzjoni

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-iskambji ta' informazzjoni bejn is-Sorveljant Ewleni/l-ASE (**immarkati bil-grīz**) u l-awtoritajiet kompetenti (**immarkati bl-aħdar**) kif indikat f'dawn il-Linji Gwida. It-tabella mhijiex maħsuba biex tintroduċi xi gwida ġidha, iżda biex tirrifletti l-gwida inkluża fil-Linji Gwida. Jekk ikun hemm xi differenzi bejn il-Linji Gwida u din it-tabella, tipprevali l-informazzjoni inkluża fil-Linji Gwida.

<b>Skambju ta' informazzjoni</b>	<b>Skeda ta' żmien</b>	<b>Artiklu Relatati fit-test tal-Livell 1</b>	<b>Linji Gwida</b>
<b>TaqSIMA 1: Kunsiderazzjonijiet ġenerali</b>			
Is-Sorveljant Ewleni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, inaqqas jew jestendi l-iskedi ta' żmien	-	-	2.1
Is-Sorveljant Ewleni, f'konsultazzjoni mal-JON (Netwwrk Konġunt ta' Sorveljanza), jippreżenta lill-OF differenza ta' opinjonijiet fir-rigward tal-kooperazzjoni fis-sorveljanza u l-iskambji ta' informazzjoni	-	-	3.1
Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti u s-Sorveljant Ewleni għandhom jagħmlu disponibbli għal-xulxin, informazzjoni rilevanti mid-djalogu tagħhom mal-awtoritajiet NIS2	-		4.1
<b>TaqSIMA 2: Deżejnjazzjoni tas-CTPPs</b>			
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli għall-ASE ir-reġistru sħiħ ta' informazzjoni	Mingħajr dewmien żejjed wara l-wasla tar-reġistru tal-informazzjoni	28(3) <sup>9</sup> 31(1)(a) <sup>10</sup> , (2), (6) <sup>11</sup> u (10) <sup>12</sup>	5.1

<sup>9</sup> L-Artikolu 28(3): Bħala parti mill-qafas ta' ġestjoni tar-risku tal-ICT tagħhom, l-entitajiet finanzjarji għandhom iżommu u jaġġornaw fil-livell tal-entità, u fil-livelli subkonsolidati u konsolidati, reġistru ta' informazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti kuntrattwali kollha dwar l-użu ta' servizzi tal-ICT ipprovdu minn fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT...

<sup>10</sup> L-Artikolu 31(1)(a): L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt u fuq rakkmandazzjoni mill-Forum ta' Sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 32(1) għandhom jiddeżinjaw il-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT li huma kritiċi għall-entitajiet finanzjarji, wara valutazzjoni li tqis l-kriterji speċifikati fil-paragrafu 2.

<sup>11</sup> L-Artikolu 31(6): Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 57 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sas-17 ta' Lulju 2024.

<sup>12</sup> L-Artikolu 31(10): Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq bażi annwali u aggregata, jibagħtu r-rapporti msemmija fl-Artikolu 28(3), it-tielet subparagrafu, lill-Forum ta' Sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 32....

Skambju ta' informazzjoni	Skeda ta' żmien	Artiklu Relatati fit-test tal-Livell 1	Linji Gwida
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli għall-ASE kwalunkwe informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-kritikalità	-	L-Artikolu 35(2) tar-Regolament ta' twaqqif tal-ASE <sup>13</sup>	5.2
Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni addizzjonali disponibbli miksuba fl-attivitajiet superviżorji tagħhom	-		5.3
L-ASE għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar il-fornitur terz li ppreżenta talba biex jiġi deżinjat bħala kritiku	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla għand il-fornitur terz		6.1
Is-Sorveljant Ewleni għandu jikkondivid mal-awtoritajiet kompetenti notifika tas-CTPP dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura tal-immaniġġjar tas-sussidjarja stabbilita fl-Unjoni	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla mingħand is-CTPP	31(5) <sup>14</sup> , (11) <sup>15</sup> u (13) <sup>16</sup>	6.2 (a)
Is-Sorveljant Ewleni għandu jikkondivid mal-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar il-fornitur terz li ġie ddeżinjat bħala kritiku u d-data tal-bidu tad-deżinazzjoni	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-preżentazzjoni tan-notifika		6.2 (b)
<b>TaqSIMA 3: Attivitajiet ta' sorveljanza ewleni</b>			
Is-Sorveljant Ewleni għandu jqiegħed għad-	Qabel il-	33(4) <sup>17</sup>	7.1

<sup>13</sup> L-Artikolu 35(2) tar-Regolament ta' twaqqif tal-ASE: L-Awtorità tista' titlob ukoll li l-informazzjoni tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati. Dawn it-talbiet għandhom, meta jkun possibbli, isiru bl-użu ta' formati komuni ta' rappurtar.

<sup>14</sup> L-Artikolu 31(5): ... Wara d-deżinazzjoni ta' fornitur terz ta' servizzi tal-ICT bħala kritiku, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandhom jinnotifikaw lill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT b'din id-deżinazzjoni u bid-data minn meta ser jibdew jkunu effettivament soġġetti għal attivitajiet ta' sorveljanza.

<sup>15</sup> L-Artikolu 31(11): Il-fornituri terz ta' servizzi tal-ICT li mhumiex fil-lista msemija fil-paragrafu 9 jistgħu jitkolli li jiġu iddeżinjati bħala kritič skont il-paragrafu 1, il-punt (a).

<sup>16</sup> L-Artikolu 31(13): Il-fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT imsemmi fil-paragrafu 12 għandu jinnotifikasi lis-Sorveljant Ewleni bi kwalunkwe bidla fl-istruttura tal-maniġment tas-sussidjarja stabbilita fl-Unjoni.

<sup>17</sup> L-Artikolu 33(4): Abbażi tal-valutazzjoni msemija fil-paragrafu 2, u f'koordinazzjoni man-Netwerk Konġunt ta' Sorveljanza (JON) imsemmi fl-Artikolu 34(1), is-Sorveljant Ewleni għandu jadotta pjan ta' sorveljanza individwali li jkun ċar, dettaljat u motivat li jiddeskrivi l-objettivi annwali tas-sorveljanza u l-azzjonijiet ewleni ippjanati għal kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT. Dak il-pjan għandu jiġi kkomunikat kull sena lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT. Dak il-pjan għandu jiġi kkomunikat kull sena lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

<b>Skambju ta' informazzjoni</b>	<b>Skeda ta' żmien</b>	<b>Artiklu Relatat fit-test tal-Livell 1</b>	<b>Linji Gwida</b>
dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti l-abbozz tal-pjan annwali ta' sorveljanza	finalizzazzjoni tal-pjan annwali ta' sorveljanza	Premessa 3 tal-abbozz ta' Standards Tekniċi Regolatorji dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' sorveljanza fir-rigward tat-timijiet konġunti tal-eżaminazzjoni skont DORA	
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu kummenti dwar l-abbozz tal-pjan annwali ta' sorveljanza	Fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-wasla		7.3
Is-Sorveljant Ewleni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, il-pjan annwali ta' sorveljanza u l-pjan pluriennali ta' sorveljanza.	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni		7.4
Is-Sorveljant Ewleni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe aġġornament materjali għall-pjan annwali ta' sorveljanza u l-pjan pluriennali ta' sorveljanza	Mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni tal-aġġornamenti		7.5
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu kummenti dwar l-aġġornamenti materjali għall-pjan annwali ta' sorveljanza	Fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-wasla		7.5
Is-Sorveljant Ewleni għandu jikkonferma lill-awtoritajiet kompetenti l-identità tal-persuni awtorizzati għall-investigazzjoni jew l-ispezzjoni	Mill-inqas 3 ġimġhat qabel il-bidu tal-investigazzjoni jew l-ispezzjoni Jew Bl-iqsar dewmien possibbli f'każ ta' investigazzjoni jew spezzjoni urġenti	36 (1), 38 (5) <sup>18</sup> u 39 (3) <sup>19</sup>	8.1
Is-Sorveljant Ewleni għandu jinforma lill-	-	39(7) <sup>20</sup>	8.3

<sup>18</sup> L-Artikolu 38(5): Fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-investigazzjoni, is-Sorveljant Ewleni għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-ICT ta' dak il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT dwar l-investigazzjoni prevista u dwar l-identità tal-persuni awtorizzati.

<sup>19</sup> L-Artikolu 39(3): Fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-ispezzjoni, is-Sorveljant Ewleni għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-entitajiet finanzjarji li jużaw dak il-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT.

<sup>20</sup> L-Artikolu 39(7): Fejn l-uffiċċali u persuni oħra awtorizzati mis-Sorveljant Ewleni jsibu li fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT jopponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, is-Sorveljant Ewleni għandu jinforma lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi

Skambju ta' informazzjoni	Skeda ta' żmien	Artiklu Relatati fit-test tal-Livell 1	Linji Gwida
awtoritajiet kompetenti meta l-persuni awtorizzati jsibu li CTPP jopponi spezzjoni, inkluż li jipponi kwalunkwe kundizzjoni mhux ġustifikata għall-ispezzjoni.			
Is-Sorveljant Ewljeni għandu jagħmel disponibbli għall-JON u għall-awtoritajiet kompetenti, il-kamp ta' applikazzjoni rilevanti tat-talba għal informazzjoni ppreżentata lis-CTPP	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni tat-talba għal informazzjoni lis-CTPP	36 (1) <sup>21</sup> , 37 (1) <sup>22</sup> u 37 (5) <sup>23</sup>	9.1
Is-Sorveljant Ewljeni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti: <ul style="list-style-type: none"> <li>• inċidenti kbar b'impatt dirett/indirett fuq I-FEs meta jiġi rrapportati mis-CTPP (fuq talba tas-Sorveljant Ewljeni);</li> <li>• il-bidliet rilevanti fl-istratgeġja tas-CTPP dwar ir-riskju relatati mal-ICT minn partijiet terzi;</li> <li>• avvenimenti li jistgħu jirrappreżentaw riskju importanti għall-forniment ta' servizzi tal-ICT;</li> <li>• dikjarazzjoni motivata mis-CTPP li tixhed l-impatt mistenni tal-abbozz tal-pjan ta' sorveljanza.</li> </ul>	-	33(4) <sup>24</sup> L-Artikolu 3(2), l-ittra l-tal-abbozz ta'standardi tekniċi regolatorji dwar l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet li jippermettu t-twettiq tal-attivitajiet ta' sorveljanza skont l-Artikolu 41(1) il-punti (a), (b) u (d) tar-Regolament	9.2

tal-ICT dwar il-konsegwenzi ta' tali oppożizzjoni, inkluż il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji rilevanti jeżiġu li entitajiet finanzjarji jtemmu l-arranġamenti kuntrattwali konklużi ma' dak il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

<sup>21</sup> L-Artikolu 36(1): Meta l-objettivi ta' sorveljanza ma jkunux jistgħu jintlaħqu permezz ta' interazzjoni mal-istruttura sussidjarha għall-fini tal-Artikolu 31(12), jew billi jiġi eżerċitati attivitajiet ta' sorveljanza f'bini li jinsab fl-Unjoni, is-Sorveljant Ewljeni jista' jeżerċita s-setgħat, imsemmija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin, fi kwalunkwe bini li jinsab f'pajjiż terz li jkun proprjetà, jew jintuża bi kwalunkwe mod, għall-finijiet tal-forniment ta' servizzi lil entitajiet finanzjarji tal-Unjoni, minn fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, b'raba mal-operazzjonijiet, il-funzjonijiet jew is-servizzi tan-negożju tiegħu, inkluż kwalunkwe uffiċċju, bini, art jew proprjetà oħra amministrativa, tan-negożju jew operazzjonali...

<sup>22</sup> L-Artikolu 37(1): Is-Sorveljant Ewljeni jista', permezz ta' talba semplicejew b'deċiżjoni, jitlob lill-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT jipprovdha l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex is-Sorveljant Ewljeni jwettaq dmirijietu skont dan ir-Regolament, inkluż id-dokumenti operazzjonali jew tan-negożju rilevanti kollha, il-kuntratti, il-politiki, id-dokumentazzjoni, ir-rapporti tal-auditjar tas-sigurtà tal-ICT, ir-rapporti tal-inċidenti relatati mal-ICT, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata mal-partijiet li lilhom il-fornitur terz kritiku tas-servizzi tal-ICT ikun esternalizza funzionijiet jew attivitajiet operazzjonali.

<sup>23</sup> Is-Sorveljant Ewljeni għandu, mingħajji dewmien, jibgħat kopja tad-deċiżjoni biex iforni informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet finanzjarji li jużaw is-servizzi tal-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT jista' jippreżenta dikjarazzjoni motivata fi żmien 15-il jum kalendarji li turi l-impatt mistenni fuq il-klienti li huma entitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u fejn xieraq, jifformula soluzzjonijiet biex jittaffew ir-riskji.

<sup>24</sup> L-Artikolu 33(4), it-tielet subparagrafu: Malli jirċievi l-abbozz tal-pjan ta' sorveljanza, il-fornituri terz kritiku ta' servizzi tal-ICT jista' jippreżenta dikjarazzjoni motivata fi żmien 15-il jum kalendarji li turi l-impatt mistenni fuq il-klienti li huma entitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u fejn xieraq, jifformula soluzzjonijiet biex jittaffew ir-riskji.

Skambju ta' informazzjoni	Skeda ta' żmien	Artiklu Relatat fit-test tal-Livell 1	Linji Gwida
		(UE) 2022/2554	
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli għas-Sorveljant Ewlieni, il-komunikazzjonijiet tas-CTPP mal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sorveljanza	-	33(1) <sup>25</sup>	9.3
<b>Taqsim 4: Segwitu tar-rakkmandazzjonijiet</b>			
Is-Sorveljant Ewlieni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti:			
<ul style="list-style-type: none"> <li>notifika tas-CTPP biex isegwi r-rakkmandazzjonijiet;</li> <li>il-pjan ta' rimedju tas-CTPP;</li> <li>l-ispiegazzjoni motivata tas-CTPP dwar għalfejn ma segwiex ir-rakkmandazzjonijiet;</li> <li>ir-rapport li jispeċifika l-azzjonijiet meħuda jew ir-rimedji implementati mis-CTPP</li> </ul>	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla għand is-Sorveljant Ewlieni	35(1)(c) <sup>26</sup> u 42(1) <sup>27</sup>	11.1 a)
Is-Sorveljant Ewlieni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, il-fatt li s-CTPP naqas milli jibgħat in-notifika fi żmien 60 jum kalendarju mill-ħruġ tar-rakkmandazzjonijiet lis-CTPP	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol wara l-iskadenza tas-60 jum kalendarju		11.1 b)
Is-Sorveljant Ewlieni għandu jagħmel disponibbli	Fi żmien 10 ijiem ta'	35(1)(c), 35(6) <sup>28</sup> ,	11.1 c)

<sup>25</sup>L-Artikolu 33(1): Is-Sorveljant Ewlieni għandu jwettaq is-sorveljanza tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT assenjat u għandu jkun, għall-finijiet tal-kwistjonijiet kollha marbuta mas-sorveljanza, il-punt primarju ta' kuntatt għal dawk il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT.

<sup>26</sup>L-Artikolu 35(1)(c): Is-Sorveljant Ewlieni għandu s-setgħa li jitlob, wara t-tlestitja tal-aktivitajiet ta' sorveljanza, rapporti li jispeċifikaw l-azzjonijiet li ttieħdu jew ir-rimedji li ġew implementati mill-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT b'rabta mar-rakkmandazzjonijiet maħruġa.

<sup>27</sup>L-Artikolu 42(1): Fi żmien 60 jum kalendarju mill-wasla tar-rakkmandazzjonijiet maħruġa mis-Sorveljant Ewlieni, forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għandhom jew jinnotifikaw lis-Sorveljant Ewlieni bl-intenzjoni tagħhom li jsegwu r-rakkmandazzjonijiet inkella jipprovd spiegazzjoni motivata biex ma jsegwux tali rakkmandazzjonijiet.

<sup>28</sup>L-Artikolu 35(6): F'każ ta' nuqqas ta' konformità sħiħa jew parżjali mal-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu skont l-eżerċizzju tas-setgħat skont il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u wara l-iskadenza ta' perjodu ta' mill-inqas 30 jum kalendarju mid-data li fiha l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ikun irċieva n-notifika tal-miżuri rispettivi, is-Sorveljant Ewlieni għandu

<b>Skambju ta' informazzjoni</b>	<b>Skeda ta' żmien</b>	<b>Artiklu Relatat fit-test tal-Livell 1</b>	<b>Linji Gwida</b>
<p>għall-awtoritajiet kompetenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• valutazzjoni dwar jekk l-ispjegazzjoni tas-CTPP dwar għalfejn ma segwiex ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sorveljant Ewljeni titqiesx suffiċċenti u, jekk iva, id-deċiżjoni tas-Sorveljant Ewljeni dwar l-emenda tar-rakkomandazzjonijiet;</li> <li>• valutazzjoni tar-rapporti li jispeċifikaw l-azzjonijiet meħuda jew ir-rimedji implementati mis-CTPP;</li> <li>• deċiżjoni li timponi pagament perjodiku ta' penali fuq is-CTPP;</li> <li>• valutazzjoni dwar jekk ir-rifjut ta' CTPP li japprova rakkomandazzjonijiet jistax ikollu impatt negattiv fuq numru kbir ta' entitajiet finanzjarji, jew parti sinifikanti tas-settur finanzjarju</li> </ul>	xogħol wara l-adozzjoni mis-Sorveljant Ewljeni	35(10) <sup>29</sup> , 42(1), 42(8)(a-d) <sup>30</sup>	
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-	42 (4) <sup>31</sup> , (7) <sup>32</sup> u	11.2 a)

jadotta deċiżjoni li timponi pagament perjodiku ta' penali biex iġiegħel lill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT jikkonforma ma' dawk il-miżuri.

<sup>29</sup> L-Artikolu 35(10): Is-Sorveljant Ewljeni għandu jiżvela lill-pubbliku kull pagament perjodiku ta' penali li jkun ġie impost, sakemm tali divulgazzjoni ma tipperikolax serjament is-swieq finanzjarji jew tikkawżax dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

<sup>30</sup> L-Artikolu 42(8): Mal-wasla tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti, meta jieħdu deċiżjoni kif imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, għandha iqis u t-tip u l-kobor tar-riskju li ma jkun indirizzat mill-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, kif ukoll is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità, filwaqt li jikkunsidraw il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-gravità u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità;
- (b) jekk in-nuqqas ta' konformità żvelax dgħufijiet serji fil-proċeduri, fis-sistemi ta' ġestjoni, fil-ġestjoni tar-riskju u fil-kontrolli interni ta' fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT;
- (c) jekk reat finanzjarju kienx iffaċċilitat, ikkaġunat jew kienx attribwibbli b'mod ieħor għan-nuqqas ta' konformità;
- (d) jekk in-nuqqas ta' konformità twettaqx intenzjonalment jew b'negliżenza.

<sup>31</sup> L-Artikolu 42(4): Fejn awtorità kompetenti tqis li entità finanzjarja tonqos milli tqis jew tindirizza b'mod suffiċċenti fi ħdan l-immaniġġar tagħha tar-riskju relatat mal-ICT minn partijiet terzi r-riskji spċifici identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, għandha tinnotifika lill-entità finanzjarja dwar il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni, fi żmien 60 jum kalendarju mill-wasla ta' tali notifikasi, skont il-paragrafu 6, fin-nuqqas ta' arrāngamenti kuntrattrawli xierqa li jkollhom l-ġhan li jindirizzaw tali riskji.

<sup>32</sup> L-Artikolu 42(7): Fejn fornitur terz kritiku tas-servizzi tal-ICT jirrifjuta li japprova rakkomandazzjonijiet, abbażi ta' approċċ diverġenti minn dak irrakkomandat mis-Sorveljant Ewljeni, u tali approċċ diverġenti jista' jkollu impatt negattiv fuq għadd kbir ta' entitajiet finanzjarji, jew parti sinifikanti mis-settur finanzjarju, u twissijiet individwali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ma jkunux irriżultaw f'approċċi konsistenti li jimmittigaw ir-riskju potenziali għall-istabbiltà finanzjarja, is-Sorveljant Ewljeni jista', wara li jikkonsulta mal-Forum ta' Sorveljanza, joħroġ opinjonijiet mhux vinkolanti u mhux pubbliċi lill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jippromwovi miżuri ta' segwit superviżorji konsistenti u konverġenti, kif xieraq.

Skambju ta' informazzjoni	Skeda ta' żmien	Artiklu Relatat fit-test tal-Livell 1	Linji Gwida
disponibbli għas-Sorveljant Ewljeni: <ul style="list-style-type: none"> <li>in-notifika lill-entità finanzjarja dwar il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni;</li> <li>twissijiet individwali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u informazzjoni rilevanti li tippermetti lis-Sorveljant Ewljeni jivaluta jekk dawn it-twissijiet irriżultawx f'approċċi konsistenti għall-mitigazzjoni tar-riskju potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja</li> </ul>	adozzjoni mill-awtoritajiet kompetenti	(10) <sup>33</sup>	
Meta possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli għas-Sorveljant Ewljeni, l-eżitu tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet NIS2 qabel ma tittieħed deċiżjoni.  L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli għas-Sorveljant Ewljeni: <ul style="list-style-type: none"> <li>il-bidliet materjali fl-arranġamenti kuntrattwali eżistenti tal-entitajiet finanzjarji mas-CTPPs magħmula biex jindirizzaw ir-riskji identifikati fir-rakkmandazzjonijiet;</li> <li>il-bidu tal-eżekuzzjoni ta' strateġiji ta' ħruġ u pjanijjiet ta' tranżizzjoni tal-entitajiet finanzjarji</li> </ul>	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol wara l-konsultazzjoni	42(5) <sup>34</sup>	11.2 b)
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lis-Sorveljant Ewljeni dwar: <ul style="list-style-type: none"> <li>l-intenżjoni li entità finanzjarja tiġi nnotifikata bil-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni jekk l-entità finanzjarja ma tadottax arranġamenti</li> </ul>	Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla tal-informazzjoni mingħand l-entitajiet finanzjarji	28 u 42 (10) <sup>35</sup>	11.2 c)
	-	42(4) u (10)	12.1

<sup>33</sup> L-Artikolu 42(10): L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformat b'mod regolari lis-Sorveljant Ewljeni dwar l-approċċi u l-miżuri meħuda fil-kompieti superviżorji tagħhom b'rabta mal-entitajiet finanzjarji, kif ukoll dwar l-arranġamenti kuntrattwali konklużi minn entitajiet finanzjarji fejn forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT ma jkunux approvaw parzialment jew kompletament ir-rakkmandazzjonijiet indirizzati lilhom mis-Sorveljant Ewljeni.

<sup>34</sup> L-Artikolu 42(5): Mal-wasla tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punt (c), u qabel ma tittieħed id-deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq bażi volontarja, jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti ddeżenjati jew stabbiliti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 responsabbli għas-superviżjoni ta' entità essenziali jew importanti soġġetta għal dik id-Direttiva, li jkun ġie ddeżenjat bħala fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

<sup>35</sup> L-Artikolu 42(10): L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformat b'mod regolari lis-Sorveljant Ewljeni dwar l-approċċi u l-miżuri meħuda fil-kompieti superviżorji tagħhom b'rabta mal-entitajiet finanzjarji, kif ukoll dwar l-arranġamenti kuntrattwali konklużi minn entitajiet finanzjarji fejn forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT ma jkunux approvaw parzialment jew kompletament ir-rakkmandazzjonijiet indirizzati lilhom mis-Sorveljant Ewljeni.

Skambju ta' informazzjoni	Skeda ta' żmien	Artiklu Relatat fit-test tal-Livell 1	Linji Gwida
<p>kuntrattwali xierqa biex tindirizza r-riskji spċifici identifikati fir-rakkomandazzjonijiet;</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• I-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tad-deċiżjoni;</li> <li>• jekk għandhomx l-intenzjoni li jwettqu deċiżjoni urġenti</li> </ul>			
<p>Is-Sorveljant Ewljeni għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, valutazzjoni mhux vinkolanti tal-impatt potenzjali li d-deċiżjoni jista' jkollha fuq is-CTPP li s-servizz tiegħu jiġi sospiż jew itterminat temporanjament</p>	<p>Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-Linji Gwida 12.1 jew Bl-iqsar dewmien possibbli f'każ ta' deċiżjoni urġenti</p>		12.2